**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Jannar 2025**

**Rik gur : 263 /2023 AGV**

**EH nee' C**

**vs**

**Dr David Bonello u PL Gerald Bonello , nominati Kuraturi Deputati b'digriet ta' din**

**il-qorti sabiex jirrappreżentaw lill-assenti WEH**

**IL-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors Ġuramentat ta' EH ;**

***Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:***

1. Illi r-rikorrenti, ta' nazzjonalità Maltija, iżżewġet lill-intimat, WEH ta' nazzjonalità Libjana, fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), liema żwieġ bejn il-kontendenti ġie ċċelebrat ġewwa Malta skont il-formalitajiet mitluba mil-liġi Maltija, u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala '**DOK A**';

2. Illi sitt (6) snin mid-data taż-żwieġ, u cioè għal dawn l-aħħar tlettax (13) -il sena, l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali għal kollox, u dan għaliex irritorna lura lejn il-Libja mingħajr l-ebda prospett illi jirritorna;

3. Illi r-rikorrenti tikkonferma illi mhix konoxxenti tal-indirizz ta' fejn jirrisjedi l-intimat, u wisq anqas tinsab ċerta li għadu jirrisjedi ġewwa l-Libja;

4. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom isseparati *de facto* għal iktar minn tlettax (13) -il sena, u konsegwentament, ilhom ma jgħixu flimkien għal

perjodu t'iktar minn sena (1) fl-aħħar sentejn (2) mid-data li fih qiegħed jiġi mitlub il-bidu ta' dawn il-proċeduri ta' divorzju;

5. Illi, di più r-rikorrenti m'għandha l-ebda kuntatt personali ta' u mal-intimat;

6. Illi miż-żwieġ tal-partijiet ma twieldu l-ebda ulied u għalhekk, ir-rikorrenti mhux qiegħda titlob għall-manteniment;

7. Illi llum -il ġurnata, ir-rikorrenti tinsab f'relazzjoni ma' raġel ieħor, liema relazzjoni ilha stabbli għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin u li minn l-istess relazzjoni twieldu tlett ulied;

8. Illi l-kontendenti m'għandhom l-ebda proprjetà immobbli in komuni;

9. Illi l-fatti suesposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), wara li rat it-talba tar-rikorrenti ħatret medjatur ai termini tad-dispozizzjonijiet tar-Regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20, u dana sabiex jibdew il-proceduri opportuni bil-għan li jiġi maħlul iż-żwieġ bejn il-kontendenti.

11. Illi r-rikorrenti f'Settembru 2023 intavolat rikors sabiex jibdew proċeduri ta' medjazzjoni għal finijiet ta' divorzju u din il-Qorti minnufih iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa nhar l-20 ta' Settembru 2023 u awtorizzat lir-rikorrenti tipproċedi b'dawn il-proċeduri, skont id-digriet hawn anness u immarkat bħala 'DOK B';

12. Illi l-partijiet ma humiex legalment separati u qatt ma ressqu talba ghal separazzjoi personali quddiem din l-Onorabbli Qorti;

13. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

**Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-abbli Qorti jogħġobha**:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għall-kunjom xbubitha, cioé C ;

3. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati porzjon wiehed lill-attrici u l-iehor lill-intimat, okkorendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta lill-kontumaci fl-istess att;

4. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jinsab minn issa nġunt in subizzjoni.**

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' Dr. David Bonello u PL . Gerald Bonello datata 4 ta' Lulju 2024;**

1. Illi l-kuraturi deputati mhux edotti mill -fatti dikjarati
2. Illi l-atturi ghandhom jikkonfermaw bil-gurament taghhom l-ahhar darba li kellhom kuntatt mal-assenti
3. Illi l-istess kuraturi deputati jitolbu illi jinghataw l-ahhar indirizz maghruf, indirizz tal- posta elettronika , u jew profil tal-media socjali tal-istess assenti , sabiex huma jkunu f' posizzjoni li jikkomunikaw maghhom .

Salv eccezzjonijiet ohra permeissibbli skont il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba ghal divorzju minn zwieg bejn il-partijiet. L-attrici hi ta' nazzjonalita' Maltija u tirrisjedi Malta, mentri l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Libjana u jirrisjedi barra minn Malta. Ghalhekk kellhom jinhatru kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti. Huma kienu zzewgu fis-6 ta' Lulju 2004, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Huma isseparaw de facto sa mill-2005, u l-konvenut kien regolarment jitlaq minn

Malta u jmur lura l-Libja ghal perjodi twal, sa ma telaq b'mod permanenti fl-2013.

Fil-frattemp l-attrici kellha erbat itfal minn relazzjoni ma' K A , u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejnha u l-konvenut H . Fl-affidavit taghha hija tiddikjara wkoll illi l-partijiet ma kellhom ebda proprjeta' in komuni bejniethom, la mobbli u wisq anqas immobbli, u ghalhekk il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tista' ssir bla xkiel.

Bhala provi l-attrici esebiet diversi dokumenti in sostenn ta' dan kollu, mentri l-kuraturi ma kellhom ebda kuntatt mal-konvenut assenti. Illi ghalhekk, tenut kont ta' dawn il-fatti li la gew kontradetti, anzi gew ikkorroborati, il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut huwa hati ta' abbandun taz-zwieg, u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika s-sanzjonijiet kontra tieghu ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

L-attrici iddikjarat illi bejn il-partijiet ma hemm ebda proprjeta' in komuni. Dan irrisulta wkoll mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk, kwantu ghal-likwidazzjoni tal-istess, il-Qorti tiddikjara illi l-komunjoni hija xolta. Kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji li huma hekk irregistrati f'isimhom. Ma irrisultaw ebda vetturi tal-partijiet, jew proprjeta' ohra. In vista ta' dan, m'hemmx il-htiega ta' nomina ta' nutar pubbliku u kuraturi ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA’ T-TALBIET ATTRICI.

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għall-kunjom xbubitha, cioé C;

Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta’ bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f’zewg porzjonijiet, kif indikat fil-parti tas-sentenza intitolat ‘Komunjoni’;

Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili, stante li instab hati ta’ abbandun.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jibqghu provizorjament a kariku tal-attrici, u jsiru rikuperabbli mill-konvenut ladarba l-indirizz tieghu jigi determinat.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**